MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 168/2014

**Mary *sive* Marlene Attard Montalto**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Mary *sive* Marlene Attard Montalto datat 21 ta' Frar 2014 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenti Mary *sive* Marlene Attard Montalto (K.I. numru 464041M) twieldet fit-12 ta' Lulju 1941, tifla tan-Nobbli Alexander Apap Bologna u Maria Pilar De Piro D'Amico, kif jidher mill-estratt tal-Att tat-Twelid numru 4640/1941 hawn anness bhala Dok. AM1;

Illi r-rikorrenti konsistentement matul hajjitha uzat u kienet msejha bl-isem Marlene u mhux Mary kif indikat fl-att tat-twelid;

Illi dan johrog car minn numru ta' dokumenti ufficjali li fihom ir-rikorrenti hija msejha Marlene jew inkella Mary *sive* Marlene, fosthom il-Kartanzjan (Dok. AM2), il-karta tal-identita' (Dok. AM3) u l-passaport (Dok. AM4-6) taghha;

Illi r-rikorrenti dehret ukoll fuq numru ta' kuntratti notarili fejn giet msejha Marlene Attard Montalto, fosthom kuntratti ppublikati fil-11 ta' Frar 1965 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sciberras Trigona (Dok. AM7), fil-15 ta' Frar 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman (Dok. AM8) u fil-15 t'April 2009 fl-atti tan-Nutar Diana Charles (Dok AM 9);

Illi d-diskrepanza tippersisti wkoll mill-atti tal-istat civili tat-tfal tar-rikorrenti, fejn ir-rikorrenti hija mnizzla bhala 'Mary' (Dok. AM 10), 'Marlene' (Dok. AM 11-13) u 'Maria known as Marlene' (Dok. AM 14);

Illi ghalhekk hemm diskrepanza bejn l-isem miktub fl-att tat-twelid u atti ohra tal-istat civili (kemm tar-rikorrenti kif ukoll tad-dixxendenti taghha) u l-isem li fil-fatt biha hija maghrufa u dan *stante* l-fatt li hija maghrufa bhala Marlene u mhux Mary;

Illi din id-diskrepanza qed tikkawza problemi lir-rikorrenti, fosthom ma' istituti finanzjarji;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni fl-atti tal-istat civili taghha *ai termini* ta' Artikolu 253 ta' Kap 16 b'dan illi isimha jigi mibdul minn Mary ghal Marlene.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ‘l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti kienet konsistentement matul hajjitha msejha Marlene u mhux Mary;

2. Tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 4640/1941 tar-rikorrenti b'dan illi isimha jigi korrett minn Mary ghal Marlene, jew illi korrezzjoni fis-sens li r-rikorrenti hija maghrufa bhala Marlene;

3. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid 4640/1941 jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrenti, cioe' l-att taz-zwieg numru 759/1960;

4. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid 4640/1941, jigi rifless f'Att tat-Twelid 5638/1961 ta' David Attard Montalto, f’Att tat-Twelid 3170/1963 ta' Veronica Grima nee' Attard Montalto, f'Att tat-Twelid 2605/1957 ta'

Christopher Attard Montalto, f'Att tat-Twelid 2606/1967 ta' John Attard Montalto u f'Att tat-Twelid 2200/1973 ta' Mark Attard Montalto, kif ukoll f'kull att tal-istat civili iehor relattiv ghall-istess ulied tar-rikorrenti;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, inkluz li tordna li jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex jigi msejjah kull min ghandu interess jiddikjara jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba u dan *ai termini* ta' Artikolu 254 ta' Kap 16.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta' Marzu 2014 (fol 36) fejn espona : -

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi minghjar pregudizzju, f'dan il-kaz ma jidhirx li sar xi zball da parti tal-esponent izda huwa kaz fejn persuna inghatalha isem (Mary) izda

mbaghad ghal xi raguni li taf ir-rikorrenti biss, hija bdiet tuza isem iehor u konsegwentement saret maghrufa f'hajjitha b'isem iehor u cioe' "Marlene". Fil-fatt id-dikjarant fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti kien missier ir-rikorrenti stess ossia n-Nobbli Alexander Apap Bologna u l-isem li kien inghata kien proprju "Mary" liema att huwa anness bhala Dok. DRP 1.

4. Illi fir-rigward tal-att taz-zwieg dan ma kienx sar mill-ufficjali tar-Registru Pubbliku izda kien sar mill-Arcipriet tal-kappella fejn sar iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u zewgha. Id-dettalji fl-att gew inseriti minnu, u l-istess att imbaghad gie irregistrat fir-Registru Pubbliku kif inhu, liema dokument huwa anness bhala DRP 2.

5. Illi fir-rigward tal-atti tat-twelid ta' Veronica, Christopher u John Attard Montalto isem ir-rikorrenti diga` jaqra "Marlene" u ghaldaqstant ma hemm l-ebda lok li ssir xi bidla f'dawn l-atti u konsegwentement it-talbiet attrici fir-rigward dawn l-atti ma jistghux jigu milqugha liema atti huma annessi bhala Dok DRP 3 - 5.

6. Illi fir-rigward tal-atti tat-twelid ta' Mark Attard Montalto u David Attard Montalto hemm diga` mnizzel li isem ir-rikorrenti huwa "Mary/Maria known as Marlene", annessi bhala Dok DRP 6 u 7.

7. Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta’ Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghar-rikorrenti prezenti. Dr. Maurizio Cordina msejha diversi drabi ma deherx. Dr Attard Montalto ddikjara li m’ ghandux aktar provi. Il-Qorti innotat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, u halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-12 ta’ Gunju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attrici qed taghmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Rat li l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob korrezzjoni fl-isem imnizzel fic-certifikat tat-twelid taghha (**DOK AM1)** kif ukoll f'diversi atti ohra tal-istat civili, billi minflok l-isem "*Mary*" jigi mnizzel l-isem "*Marlene."* L-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma opponiex ghat-talba purke' din hija konfortata bi provi sal-grad rikjest mil-Ligi.

In sostenn tat-talbiet taghha, ir-rikorrenti esebiet skorta ta' dokumenti ufficjali fejn hi konsistentement tidher li hija maghrufa bl-isem "*Marlene",* fosthom il-Kartanzjan (**DOK AM2),** il-Karta tal-Identita **(DOK AM3)**, il-passaport **(DOK AM4),** u diversi kuntratti notarili.

Illi ghalhekk il-Qorti hija soddisfatta li hemm diskrepanza bejn l-isem miktub fl-att tat-twelid u atti ohra tal-istat civili indikati mir-rikorrenti (*Mary)* u l-isem li bih fil-fatt hija maghrufa (*Marlene)*.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed titlob li ssir korrezzjoni f'atti ta' stat civili minnha indikati cioe`:-

i. L-att taz-Zwieg 759/1960;
ii. L-att tat-Twelid ta' binha David numru 5638/1961;
iii. L-att tat-Twelid ta' bintha Veronica numru 3170/1963;
iv. L-att tat-twelid ta' binha Christopher numru 2605/1967;
v. L-att tat-Twelid ta' binha John numru 2606/1967;
vi. L-att tat-Twelid ta' binha Mark numru 2200/1973.

Illi l-intimat esebixxa kopji ta' dawn ic-certifikati tat-twelid minn fejn jirrizulta li fl-atti tat-twelid ta' Veronica, Christopher u John Attard Montalto isem ir-rikorrenti gja jaqra "*Marlene" (Ara* ***DOK DRP 3-5****)*. Ghaldaqstant it-talba attrici hija ezawrita fir-rigward ta' dawn l-atti.

Ikkonsidrat li l-intimat ma nkorra fl-ebda zball peress li agixxa fuq l-istruzzjonijiet tad-dikjarant meta irrilaxxja c-certifikat tat-twelid, li kien proprju missier ir-rikorrenti. Ghalhekk il-konvenut ma jaħtix għall-izball li sar u ma għandux ibati spejjeż. *Inoltre,* jirrizulta li c-certifikat taz-zwieg (**DOK DRP2**) gie redatt mill-Arcipriet tal-parrocca fejn gie ccelebrat iz-zwieg tar-rikorrenti.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha salv dak li ser jinghad fir-rigward tac-certifikati tat-twelid ta' Veronica, Christopher u John ahwa Attard Montalto.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li r-rikorrenti kienet konsistentement matul hajjitha msejha Marlene u mhux Mary;

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 4640/1941 tar-rikorrenti b'dan illi isimha jigi korrett minn Mary ghal Marlene;

3. **Tilqa' t-tielet talba attrici** u tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid 4640/1941 jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrenti, cioe' l-att taz-zwieg numru 759/1960;

4. **Tilqa' ir-raba' talba attrici** u tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid 4640/1941, jigi rifless fl-Att tat-Twelid 5638/1961 ta' David Attard Montalto kif ukoll tal-Att tat-Twelid 2200/1973 ta' Mark Attard Montalto, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba fir-rigward tal-Att tat-Twelid 3170/1963 ta' Veronica Grima nee' Attard Montalto, tal-Att tat-Twelid 2605/1967 ta' Christopher Attard Montalto, u tal-Att tat-Twelid 2606/1967 ta' John Attard Montalto *stante* li l-isem tar-rikorrenti huma diga` ndikat bhala "*Marlene"* f'dawn ic-certifikati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------